MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Numru 91/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur M Micallef)**

**vs**

**Mario Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Mario Cassar, ta’ 23 sena iben Grazio u Carmen nee’ Sacco imwieled St Julians fit-30 ta’ Dicembru 1980 u li joqghod 21, ‘Shalom’, Triq il-Maghsar, Zabbar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 41681M.

Akkuzat:

Talli bejn it-12 t’Awissu 1998 u 14 ta’ Settembru, 2000 fil-fond Wasp Butcher, Triq San Tumas, Fgura bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li ghandu f’idejh l-imsemmi fond, b’diversi atti maghmula fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. ikkommetta serq ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50 u anqas minn Lm1000 (Lm431.79,4) ghad-danni tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa kwalifikat bil-mezz, hin u valur;

2. ghamel hsara jew kisser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom (hsara stmata madwar Lm10);

3. u aktar talli renda ruhu recidiv b’sentenza moghtija lilu mill-Magistrat S Demicoli LL.D nhar is-16 ta’ Novembru, 2000, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jirregistra ammisjoni li nsista fuqha anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat jirreferu ghal serq ta’ kurrent elettriku u hsara fil-meter jew is-sigilli tieghu, oltre li huwa recediv stante li nstab hati li ma tax ircevuta fiskali taht l-Att XXIII/1998.

Li fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat qeghdha ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena rat l-Artikolu 261 (b) (c) (f), 267, 270, 279, 280, 326(f), 49 u 50 tal-Kap 9 u konsidrat l-fedina

penali u l-ammissjoni tieghu qeghdha tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li jhallas lill-Korporazzjoni Enemalta s-somma ta’ Lm200 zmien xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------